**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 61**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 20 ta' Diċembru 2016 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Christian Azzopardi | Ambaxxatur |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

*** **Is-Sindku Charles Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.**

## 61.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

61.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Paul Grech. Wara li ma kienx hemm qbil unanimu, il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ppropona li l-apoloġija tiġi aċċettata. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta li għaddiet b'sitt voti favur u wieħed kontra. Fuq talba tiegħu stess is-Sindku ddikjara li vvota kontra. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

61.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Stephen Borg u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 61.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 60

61.2.1 Il-minuti tas-seduta numru G60 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 60

## 61.3 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza

61.3.1 Is-Sindku informa l-laqgħa li skont kif tipprovdi l-liġi tal-Kunsilli Lokali fi ftit tal-ġimgħat oħra trid issir il-laqgħa annwali tal-lokalità. Huwa ppropona li din il-laqgħa ssir nhar it-Tlieta 24 ta' Jannar 2017 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Laqgħa Annwali tal-Lokalità

## 61.4 Għażla tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq, Tbattil u Tindif tal-*litter bins, dog bins u ash trays* – RLC/T/0155/16

61.4.1 Is-Sindku informa 'l-laqgħa li dwar din l-offerta kien daħal appell, liema appell kien ġie mirbuħ mill-Kunsill Lokali Ir-Rabat. Is-Sindku ppreżenta r-rapport emendat tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni dwar l-offerta RLC/T/0155/16. Dan wara li l-offerent magħżul, *Waste Collection Ltd* irrinunzja minn din l-offerta u għaldaqstant ġie eliminat. Għażla tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq, tbattil u tindif tal-*litter bins, dog bins u ash trays* – RLC/T/0155/16

Wara li l-Kunsill ikkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-bord, fuq mozzjoni tas-Sindku Charles Azzopardi, issekondata mill-Kunsillier Nazju Cassar, il-Kunsill unanimament qabel li l-offerta RLC/T/0155/16 tingħata lit-tieni l-irħas offerent, *Premier Business Ltd*.

## 61.5 Għażla tal-offerta għall-Kostruzzjoni ta' struttura biex tgħatti sejbiet arkeoloġiċi bl-użu ta' metodi u materjal li ma jagħmilx ħsara 'l-ambjent – RLC/T/0156/16

61.5.1 Is-Sindku informa l-laqgħa li ma kienet riċevuta l-ebda offerta għall-Kostruzzjoni ta' struttura biex tgħatti sejbiet arkeoloġiċi.
Wara diskussjoni li saret, il-Kunsill unanimament qabel li jitlob il-permess tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex dan ix-xogħol ikun mogħti b'*direct order* jew tinġieb l-approvazzjoni tas-Sovvrintendenza għall-Wirt Kulturali sabiex dawn is-sejbiet jiġu mgħottija.

Għażla tal-offerta għall-Kostruzzjoni ta' struttura biex tgħatti sejbiet arkeoloġiċi bl-użu ta' metodi u materjal li ma jagħmilx ħsara 'l-ambjent – RLC/T/0156/16

**61.6 Ħruġ ta' offerta għal servizz ta' *Handyman***

61.6.1 Wara li l-Kunsill iddiskuta l-abbozz tal-offerta, kien hemm qbil unanimu li ma ssir l-ebda emenda għad-dokument kif ippreżentat.

*Ħruġ ta' offerta għal servizz ta' Handyman*

Il-Kunsillier Andrew Mallia ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerti għal servizz ta' *Handyman*. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

**61.7 Tiġdid tal-offerta għal servizz ta' Perit u *Contract Manager* – RLC/T/0152/15**

61.7.1 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/0152/15 għall-provvediment ta' servizzi ta' Perit *u Contract Manager*. Is-Sindku ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta għal servizz ta' Perit u *Contract Manager* – RLC/T/0152/15

**61.8 Programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani (Jannar – Marzu 2017)**

61.8.1 Is-Sindku ppreżenta l-programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani għall-perjodu bejn Jannar – Marzu 2017 li ħejjiet il-Viċi Sindku Doris Coleiro. Huwa talab lill-Viċi Sindku Doris Coleiro biex tagħti spjegazzjoni aktar fid-dettall tal-programm.

Programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani (Jannar – Marzu 2017)

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill japprova l-programm. Issekonda din il-proposta l-Kunsilllier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

**61.9 Talba għal rimborż minħabba ħsarat fuq vettura**

61.9.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1282/16**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba għal rimbors ta' ħsara li ġiet ikkawżata fuq vettura minn għamara tat-triq, propjetà tal-Kunsill.

Talba għal rimborż minħabba ħsarat fuq vettura

Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba u evalwa r-rapport, is-Sindku ppropona li titħallas l-ispiża ta' €493.90 li jkopru l-ħsarat ikkawżati fuq l-imsemmija vettura. Issekonda dan il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**61.10 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

61.10.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 264 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia u l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 264

**61.11 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduti numru B25, B26, B27 u B28**

61.11.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù B25, B26, B27 u B28 jittieħdu bħala moqrija. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro issekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Minuti KA tal-Virtù – Seduti numru B25, B26, B27 u B28

**61.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

61.12.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 24 ta' Jannar 2017 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Data tas-seduta li jmiss

61.12.2 Il-laqgħa ntemmet fit-7.50 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum ............................. ........... ta'......................... 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Charles Azzopardi** | **Orietta Cardona** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |